



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16005/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0450 (NLE)

POLCOM 289
SERVICES 60
COASI 216
TELECOM 383
DATAPROTECT 365

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll
li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija
Ekonomika

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta'... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ('il-Protokoll') fir-rigward tal-flussi liberi ta' *data* ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsulat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ta' opinjoni fi ...⁴.
- (3) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' *data* (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinstab fid-dokument st 16005/23 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar għall-Protokoll fid-dokument st 16006/23.

³ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁴ ĠU C, ..., ELI: ...

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁵.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 23.2 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll⁶.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁵ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].

⁶ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.